Alzheimer's Australia
Living with dementia

An Australian Government Initiative

# X'inhija d-dementia

DWAR ID-DEMENTIA

Dan il-Fuljett ta' Ghajnuna jiddeskrivi d-dementia, min jehodha u ftit mill-forom komuni taghha. Jiddeskrivi ftit mis-sinjali bikrin taghha u jenfasizza l-importanza ta' dijanjosi medika bikrija.

Dementia hija kelma uzata biex tiddeskrivi s-sintomi ta' grupp kbir ta' mard li jikkawza tnaqqis progressiv mill-funzjonament ta' persuna. Hija kelma b'tifsira wiesgha uzata biex tiddeskrivi telf tal-memorja, l-intellet, ir-raguni, l-kapacitajiet socjali u dawk li huma kkunsidrati bhala reazzjonijiet emozzjonali normali.

## Min ikollu d-dementia?

L-iktar nies bid-dementia huma anzjani, izda huwa importanti li niftakru li hafna mill-anzjani ma jbatux bid-dementia. Mhijiex parti normali mill-anzjanita`. Id-dementia tista' tolqot lil kulhadd, izda hija iktar komuni minn 65 sena 'l fuq. Dawk li jkunu qabzu l-40 u l-50 jistghu wkoll ikollhom id-dementia.

## X' jikkawza d-dementia?

Hemm hafna forom differenti tad-dementia u kull wahda ghandha l-kawzi taghha. Xi ftit mill-iktar forom komuni tad-dementia huma:

### Il-marda ta' Alzheimer

Il-marda ta' Alzheimer hija l-aktar forma komuni tad-dementia u nsibuha f'bejn 50% u 70% tal-kazi. Hija marda progressiva u degenerattiva li tattakka l-mohh. Kif ic-celluli jinxtorbu jew jisparixxu jibda jingema' materjal li mhux normali bhala "ghoqdiet" fic-centru tac-celluli tal-mohh u bhala "tartru" 'l barra mic-celluli tal-mohh. Dawn ifixklu l-messaggi fil-mohh filwaqt li jaghmlu hsara fil-konnessjonijiet bejn ic-celluli tal-mohh. Fl-ahhar c-celluli tal-mohh imutu u dan ifisser li t-taghrif la jkun jista' jinftakar u l-anqas assimilat. Billi l-marda ta' Alzheimer taffettwa kull naha tal-mohh, certi funzjonijiet jew kapacitajiet jintilfu.

### Dementia Vaskulari

Id-dementia vaskulari huwa isem wiesgha li jinghata lid-dementia marbuta mal-problemi tac-cirkolazzjoni tad-demm lejn il-mohh u li hija t-tieni l-iktar forma komuni ta' dementia. Hemm numru ta' tipi differenti ta' dementia Vaskulari. Tnejn mill-iktar komuni huma d-dementia ta' hafna attakki (Multi-infarct dementia) u l-marda ta' Binswanger. Id-dementia ta' hafna attakki hija kkawzata minn numru ta' attakki zghar li jwaqqfu d-demm, li jissejhu attakki zghar (mini-strokes) jew Attakki Iskemici Ghaggiela (Transient Ischaemic Attacks, TIA) u aktarx hija l-iktar forma komuni tad-dementia Vaskulari. Il-marda ta' Binswanger (maghrufa wkoll bhala d-dementia vaskulari Taht il-Qoxra tal-Mohh) hija marbuta mat-tibdiliet fil-mohh li jigu mill-attakki li jwaqqfu d-demm. Hija kkawzata mill-pressjoni gholja tad-demm, tihxin ta' l-arterji u cirkolazzjoni fqira tad-demm.

Id-dementia Vaskulari tista' tidher bhall-marda ta' Alzheimer u xi whud jista' jkollhom tahlita tal-marda ta' Alzheimer u d-dementia Vaskulari.

### Il-marda ta' Parkinson

Il-marda ta' Parkinson hija dizordni progressiva tas-sistema nervuz centrali, karatterizzata bi treghid, ebusija tar-riglejn, d-dirghajn u l-gogi, impediment fil-kliem u diffikulta` fil-bidu tal-movimenti fizici. Tard fil-kors tal-marda xi whud jistghu jizviluppaw id-dementia. Id-drogi jistghu jtejbu s-sintomi fizici, izda jista' jkollhom effetti laterali li jistghu jinkludu allucinazzjonijiet, deluzjonijiet, deterjorament temporanju tal-konfuzjoni u movimenti mhux normali.

### Dementia bid-depoziti Lewy

Id-dementia bid-depoziti Lewy hija kkawzata mid-degenerazzjoni u l-mewt tac-celluli fil-mohh. L-isem gej mill-prezenza ta' strutturi mhux normali u tondi, imsejha depoziti Lewy (Lewy bodies), li jizviluppaw fic-celluli tan-nervituri. Huwa mahsub li dawn jikkontribwixxu ghall-mewt tac-celluli tal-mohh. Dawk li jkollhom id-dementia bid-depoziti Lewy aktarx li jibdew jaraw xi affarijiet (allucinazzjonijiet vizwali), ihossuhom jibbiesu jew jirtoghdu (parkinsonizmu) u l-kundizzjoni taghhom ikollha x-xejra li tinbidel malajr, sikwit minn siegha ghal siegha jew minn jum ghall-iehor. Dawn is-sintomi jiddistingwuha mill-marda ta' Alzheimer. Id-dementia bid-depoziti Lewy kultant tizviluppa flimkien mal-marda ta' Alzheimer u/jew mad-dementia Vaskulari. Jista' jkun difficli li d-Dementia bid-depoziti Lewy tinghazel mil-marda ta' Parkinson u xi whud li jkollhom il-marda ta' Parkinson jizviluppaw dementia tixbah lid-Dementia bid-depoziti Lewy.

### Degenerazzjoni Lobari tan-Nghas u tal-Gbin (FTLD)

Dan huwa l-isem moghti lill-grupp ta' dementia meta jkun hemm degenerazzjoni f'wiehed mil-lobi tan-nghas jew tal-gbin jew fit-tnejn. Dan jinkludi d-Dementia tal-Gbin u tan-Nghas, Tlaqliq u Nuqqas ta' Fehim Progressiv, Dementia Semantika u l-marda ta' Pick. Madwar 50% ta' dawk li jkollhom l-FTLD ikollhom storja tal-marda fil-familja. Dawk li jirtuha ta' spiss ikollhom bidla fil-proteina tau tal-gene fil-kromosomu 17 li twassal ghall-produzzjoni ta' proteina tau mhux normali. M'hemmx iktar fatturi riskjuzi maghrufa.

### Il-marda ta' Huntington

Il-marda ta' Huntington hija marda li tintiret u degenerattiva tal-mohh li taffettwa l-mohh u l-gisem. Is-soltu tidher bejn l-eta` ta' 30 u 50 u tkun karatterizzata bi tnaqqis intellettwali u b'movimenti irregulari u involuntarji tar-riglejn u d-dirghajn jew il-muskoli tal-wicc. Sintomi ohra jinkludu tibdil fil-personalita`, disturbi fil-memorja, tlaliq fil-kliem, nuqqas ta' fehim u problemi psikjatrici. M'hemm l-ebda kura biex twaqqaf il-progress tal-marda, izda xi kura tista' tikkontrolla d-dizordni fil-movimenti u fis-sintomi psikjatrici. Fil-maggoranza tal-kazijiet ikun hemm ukoll id-dementia.

### Dementia relatata ma' l-alkohol (Korsakoff's syndrome)

Alkohol zejjed, l-aktar meta jkun assocjat ma' nuqqas dijetetiku tat-tijamina (Vitamina B1) jista' jwassal ghal hsara irreversibbli fil-mohh. Jekk jieqaf ix-xorb jista' jkun hemm xi titjib.

Din id-dementia tista' tkun skansata. Ir-rikkmandazzjonijiet tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Awstralja ghar-Ricerka Medika u dwar is-Sahha biex jintuza sewwa l-alkohol huma li l-irgiel m'ghandhomx jixorbu iktar minn 4 xarbiet normali kuljum u n-nisa mhux iktar minn 2 xarbiet normali kuljum. Ghadu ma kienx hemm rapporti ta' zvilupp ta' dementia relatata ma' l-alkohol jew s-sindromu ta' Korsakoff f'dawk li jixorbu regolarment f'dawn il-livelli jew inqas.

L-iktar partijiet vulnerabbli tal-mohh huma dawk li jintuzaw ghall-memorja u l-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-fehim, il-kapacitajiet socjali u l-bilanc. It-tehid tat-tijamina jidher li jghin biex tkun skansata jew tittejjeb il-kundizzjoni.

### Il-marda ta' Creutzfeldt-Jacob

Il-marda ta' Creutzfeldt-Jacob hija dizordni tal-mohh rari hafna u fatali kkawzata minn farka ta' proteina li tissejjah prion. Taffettwa wahda minn kull miljun ruh fis-sena. L-ewwel sintomi jinkludu nuqqas ta' memorja, bdil fl-imgiba u nuqqas ta' koordinazzjoni. Kif isir progress fil-marda, aktarx malajr, id-deterjorazzjoni fil-mohh tinhass iktar, jidhru l-movimenti involuntarji u l-persuna tista' titlef id-dawl, tizviluppa debbulizza fid-dirghajn u r-riglejn u fl-ahhar tidhol f'koma.

## Din dementia?

Hemm numru ta' kundizzjonijiet li jipproducu sintomi jixbhu lil dawk tad-dementia. Meta jkunu kkurati dawn il-kundizzjonijiet, s-sintomi jisparixxu. Dawn jinkludu xi deficjenzi tal-vitamini u ta' l-ormoni, d-dipressjoni, tahlit ta' medicini jew medicini zejda, infezzjonijiet u tumuri fil-mohh.

Huwa essenzjali li ssir dijanjosi medika kmieni malli jidhru s-sintomi ghall-ewwel darba halli jkun zgurat li l-persuna li jkollha kundizzjoni li tista' tkun ikkurata, tkun maghrufa u tkun ikkurata sewwa. Jekk is-sintomi ikunu kkawzati mid-dementia, dijanjosi bikrija tkun tfisser access bikri ghas-sapport, it-taghrif u l-kura jekk tkun tezisti.

## Id-demetia tista' tintiret?

Dan jiddependi mill-kawza tad-dementia, ghalhekk huwa importanti li jkun hemm dijanjosi medika tajba. Jekk ikun hemm thassib dwar ir-riskju li tintiret id-dementia, ikkonsulta t-tabib tieghek jew ikkuntattja l-Alzheimer's Australia biex titkellem ma' konsulent. Bosta mill-kazijiet tad-dementia ma jintirtux.

## X'inhuma l-ewwel sinjali tad-dementia?

L-ewwel sinjali tad-dementia huma sottili u vagi hafna u jistghu ma jkunux cari mill-ewwel. Ftit mis-sintomi komuni jistghu jinkludu:

- Telfien progressiv u ta' sikwit tal-memorja
- Konfuzjoni
- Tibdil fil-personalita`
- Apatija u rtirar
- Telf tal-kapacita` fit-twettiq tax-xoghol ta' kuljum.

## X'jista' jsir ghall-ghajnuna?

Bhalissa m'hemm l-ebda prevenzjoni jew kura ghal hafna mill-forom tad-dementia. Madankollu, nstab li xi medicini jnaqqsu ftit mis-sintomi.

Is-sapport huwa mehtieg ghan-nies bid-dementia u l-ghajnuna tal-familji, tal-hbieb u ta' dawk li jiehdu hsiebhom tista' taghmel differenza pozittiva fl-immaniggar tal-kundizzjoni.

## Iktar Taghrif

Alzheimer's Australia toffri sapport, taghrif, edukazzjoni u pariri. Ikkuntattja l-Linja Nazzjonali ta' Ghajnuna fid-Dementia fuq **1800 100 500**.

Ghal iktar taghrif u biex tara l-Fuljetti ta' Ghajnuna l-ohra zur il-websajt taghna f' **www.alzheimers.org.au**

Alzheimers Australia hija responsabbli ghall-kontenut ta' dan il-Fuljett ta' Ghajnuna.

Din il-pubblikazzjoni taghti gabra biss dwar is-suggett trattat. In-nies ghandhom jitolbu parir professjonali dwar il-kas specifiku taghhom. Alzheimer's Australia mhijiex responsabbli ghall-izbalji jew l-ommissjonijiet f'din il-pubblikazzjoni.

© Alzheimer's Australia 2005